MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Numru 272/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**Vs**

Stephen Ritchie
u Sonia Ritchie

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Stephen Ritchie u Sonia Ritchie ta' karta ta' identita' numru 14662M u 85741M rispettivament, akkuzati talli:

Billi fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u d-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Kummissarju tal-VAT, akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer f'diversi bnadi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

dizpozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. fil-15 ta' Ottubru tan-1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 1001029 datat 13/10/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru L32526. B'dawn id-dokumenti xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' Lm4323.00, it-Taxxa tas-Sas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.), imhallsa kienet ta' Lm648.00, kif ukoll depozitu ta' Lm94.00, peress li ma kienx prezentat il-EUR 1 Certifikate biex tkopri d-Dazju, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u d-Dazju reali kellhom ikunu Lm8346.00, Lm1252.00, u Lm302.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fl-14/10/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order L32526 fis-16/10/98. B'hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta huma xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal Lm604.00, u Lm208.00, rispettivament, dovuti lill-Gvern ta' Malta.

2. fis-17 ta' Novembru 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 1006168 datat 10/11/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R63860. B'dawn id-dokumenti huma xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' Lm1697.00, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I). u Dazju mhallsa kienu ta' Lm255.00 u Lm22.00, rispettivament meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u d-Dazju reali kellhom ikunu Lm3613.00, Lm542.00 u Lm54.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fl-10/11/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Realease Order R63860 fid-19/11/98. B'hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta, xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal Lm287.00 u Lm32.00 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

3. Fil-11 ta’ Novembru 1998 u/jew f’xi data qabel, xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana dokumenti li jgibu n-numru 1010444 u 1010436 datati 1/12/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R72161. B’dawn id-dokumenti huma xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f’dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta’ Lm1874.00, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I) u Dazju mhallsa kienu ta’ Lm281.00, u Lm6.00, rispettivament meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u d-Dazju reali kellhom ikunu Lm 4605.00, Lm691.00 u Lm16.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f’Malta fl-1/12/1998 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order R72161 fil-11/12/98. B’hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta’ Malta xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal Lm410.00 u Lm10.00 rispettivament dovuti lill-Gvern ta’ Malta.

4. Fl-4 ta’ Jannar 1999 u/jew f’xi data qabel, xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 1016402 datat 24/12/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R00039. B’dawn id-dokumenti xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f’dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta’ Lm1783.00, u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) mhallsa kienet ta’ Lm268.00, kif ukoll depositu ta’ Lm8.00, peress li ma kienx prezentat il-EUR 1 Certifikate biex ikopri d-Dazju/V.A.T., meta fil-fatt il-valur, l-V.A.T., u d-Dazju reali kellhom ikunu Lm4280.00, Lm644.00 u Lm19.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f’Malta fit-30/12/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order R00039 fl-4/1/99. B’hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta’ Malta xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal Lm375.00 u Lm12.00 rispettivament dovuti lill-Gvern ta’ Malta.

5. Fit-2 ta’ Frar 1999 u/jew f’xi data qabel, xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana dokumenti li jgibu n-numri 1020246, 1020093 u 1020094 datati

20/1/99, liema dokumenti juru valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R02839. B’dawk id-dokumenti xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f’dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta’ Lm2195.00, it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.), u Dazju mhallsa kienu ta’ Lm331.00, u Lm14.00, rispettivament meta fil-fatt il-valur, l-V.A.T., u d-Dazju reali kellhom ikunu Lm4630.00, Lm700.00 u Lm37.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f’Malta fit-2/2/1999 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order R02839 fit-3/2/99. B’hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta’ Malta xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u Dazju li jammontaw ghal Lm369.00 u Lm23.00 rispettivament dovuti lill-Gvern ta’ Malta.

6. Fil-11 ta’ Frar 1999 u/jew f’xi data qabel, xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 1023032 datat 4/2/99, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R04884. B’dawn id-dokumenti xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f’dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta’ Lm2899.00, u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) mhallsa kienet ta’ Lm435.00, kif ukoll depozitu ta’ Lm49.00, peress li ma kienx prezentat il-EUR 1 Certificate biex tkopri d-Dazju/V.A.T., meta fil-fatt il-valur, l-V.A.T. u d-Dazju reali kellhom ikunu Lm6615.00, Lm1010.00, u Lm117.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f’Malta fil-5/2/99 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order R04884 fil-11/2/99. B’hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta’ Malta xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal Lm568.00 u Lm75.00 rispettivament dovuti lill-Gvern ta’ Malta.

7. Fil-15 ta’ Marzu 1999 u/jew f’xi data qabel, xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 1028972 datat 11/3/99, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R09568. B’dawn id-dokumenti xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f’dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur

dikjarat kien ta’ Lm3089.00, u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) mhallsa kienet ta’ Lm464.00, kif ukoll depozitu ta’ Lm20.00, peress li ma kienx prezentat il-EUR 1 Certificate biex tkopri d-Dazju/ V.A.T. meta fil-fatt il-valur, l- V.A.T., u d-Dazju reali kellhom ikunu Lm7572.00, Lm1147.00 u Lm72.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f’Malta fit-12/3/99 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order R09568 fis-16/3/99. B’hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta’ Malta xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal Lm680.00 u Lm55.00 rispettivament dovuti lill-Gvern ta’ Malta.

8. Fit-12 ta’ April 1999 u/jew f’xi data qabel, xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 1033173 datat 7/4/99, liema dokumenti juru valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R13510. B’dawn id-dokumenti xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f’dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta’ Lm2097.00, it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) u Dazju mhallsa kienu ta’ Lm317.00 u Lm20.00 meta fil-fatt il-valur, l- V.A.T., u d-Dazju reali kellhom ikunu Lm4065.00, Lm614.00 u Lm28.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f’Malta fid-9/4/99 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order R13510 fit-12/4/99. B’hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta’ Malta xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u Dazju li jammontaw ghal Lm297.00 u Lm8.00 rispettivament dovuti lill-Gvern ta’ Malta.

9. Fl-14 ta’ April 1999 u/jew f’xi data qabel, xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 1033822 datat 12/4/99, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R14017. B’dawn id-dokumenti xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f’dak li jirrigwardja valuri reali. il-valur dikjarat kien ta’ Lm1197.00 u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) mhallsa kienet ta’ Lm179.00, kif ukoll depozitu ta’ Lm49.00, peress li ma kienx presentat il-EUR 1 Certificate biex tkopri d-Dazju V.A.T., meta fil-fatt il-valur, l- V.A.T., u

d-Dazju reali kellhom ikunu Lm3275.00, Lm508.00 u l-Lm114.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fit-13/4/99 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order R14017 fl-14/4/99. B'hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal Lm322.00 u Lm72.00 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

10. Il-31 ta' Mejju 1999 u/jew f'xi data qabel, xjentement issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 1041352 datat 26/5/99, liema dokumenti juru valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R20372. B'dawn id-dokumenti xjentement ghamlu dikjarazjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' Lm4009.00, it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) u Dazju mhallsa kienu ta' Lm649.00 u Lm325.00, kif ukoll depozitu ta' Lm2000.00, impost mid-Dipartiment tad-Dwana sabiex jigu verifikati l-valuri tal-merkanzija in kwistjoni, meta fil-fatt il-valur, l- V.A.T. u d-Dazju reali kellhom ikunu Lm9016.00, Lm1462.00 u Lm730.00, rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fit-28/5/99 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order R20372 fil-31/5/99. B'hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u Dazju li jammontaw ghal Lm813.00 u Lm405.00 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

U dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 18, 62(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kap 37 u l-Artikolu 18A tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll l-Artikolu 69 ta' l-Att dwar Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Att XII tal-1997) u l-Artikoli 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XXII ta' l-1998).

Stephen Ritchie wahdu akkuzat aktar talli nhar il-31 ta' Mejju 1999 u d-diversi xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer f'diversi bnadi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dizpozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokument falz u cioe’ dokumenti tas-socjeta’ estera Banner Telecom Group plc. Ta’ l-Ingilterra, u dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsina ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe’ dokumenti tas-socjeta’ estera Banner Telecom Group plc. Tal-Ingilterra, u dokumenti ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz jew ta dikjarazzjoni jew certifikat falz u cioe’ dokumenti tas-socjeta’ estera Banner Telecom Group plc. tal-Ingilterra, u dokumenti ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat t-talbiet tal-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tal-VAT sabiex jittiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputati;

Rat l-Artikolu tal-Avukat Generali li permezz taghhom baghat lura l-atti lill-dina l-Qorti sabiex tiddecidi dwar il-htija jew htijiet tal-imputati.

Semghet l-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni biex il-kawza tinstema sommarjament.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-diversi verbali taghha, partikolarment l-ahhar verbal, fejn trattati xi punti mill-prosekutur u d-difiza

prezenti r-rappresentant tal-Kontrollur tad-Dwana, l-imputat Stephen Ritchie ghazel li jirregistra ammissjoni precedentement maghmula u rtirata, fl-liema ammissjoni ppersista anke meta l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputati jirrigwardaw principalment ksur tal-Ordinanza tad-Dwana b’daqstant illi kontra l-imputat Stephen Ritchie hemm ukoll dedotti reati ta’ falsifikazzjoni taht il-Kodici Kriminali bhala segwitu tar-reati taht l-ordinanza tad-dwana.

Mill-provi ghandu jirrisulta car li r-reati li bihom hi akkuzata Sonia Ritchie, li huma ristretti ghal ksur Ordinanza tad-Dwana, ma jirrisultawx. Il-fatt biss li hi kienet direttur tas-socjeta’ li kienet responsabbli ghall-importazzjonijiet inkriminati ma jirrendiex bil-fors hatja tar-reati imputati lilha, jekk ma jirrisultax ukoll li hija kienet taf jew setghet kienet taf bl-atti illegali. Fuq daqshekk dina l-Qorti hi sodisfatta li l-ebda addebitu ma jista jreggi kontra l-imputata lanqas fuq dak li jiddisponi l-Artikolu B tal-Kap 249.

Kuntrarjament u fuq l-iskorta tal-ammissjoni tal-imputat Stephen Ritchie l-akkuzi jirrizultaw kontra tieghu.

Ghal dik li hija piena dina l-Qorti semghet il-partijiet jittrattaw u fehmet li fic-cirkustanzi tal-kaz, fuq liema ma deherx li l-partijiet ma kienux qeghdin jaqblu, l-piena l-aktar gusta u idoneja hi dik tas-sentenza sospiza li minhabba li r-reati saru antecedentement l-emendi fil-Kap 37 tista tigi applikata minghajr il-multa.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar din ix-xorta ta’ piena u tahseb li hija l-aktar gusta u ekwira fic-cirkostanzi.

Ghalhekk tiddecidi, wara li rat l-Artikolu 18, 62(f)(h)(i)(m) tal-Kap 37, l-artikolu 18A tal-Kap 337, l-artikolu 69 tal-Att XII tan-1997, l-artikolu 80 tal-Att XXIII tal-1998 u l-artikoli

169, 184, 188 u 17 tal-Kap 9 li tiddikjara lill-imputat Stephen Ritchie hati u tikkundannah sentiejn prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-imsemmi Kap 9.

Tillibera lill-imputata Sonia Ritchie mill-akkuzi kollha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------